**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

Onor. Imħallef Henri Mizzi

**Illum 26 ta' Novembru 2024**

**Nru: 11**

**Rikors Nru. 146/2020 HM**

**MDM Investments Limited**

**v**

**Geraldine Critien**

**Marie Soler**

**Joseph Storace**

**Maria Cauchi Astarita bhala mandatarja tal-assenti Emanuel George Astarita u Alison Joan Astarita**

**Maria Cleofa Grech**

**Maria Salome Busuttil**

**Dorothy Caruana**

**Marie Louise Farrugia**

**Louis Astarita**

**Salvina Young**

**Marie Lourdes Barbara**

**Anthony Coreschi**

**Maria Concetta Buttigieg**

**Maria Grazia Micallef Lia**

**Carmen Astarita**

**Adrian Astarita**

**Carmel sive Charles Busuttil bhala mandatarju tal-assenti Margaret Mary Freeman; Patricia Jane Crump; Peter John Basham**

**Mary Carmen Vella bħala mandatarja tal-assenti Giovanna sive Jane Grech**

**Charmaine Portelli bħala leġittima rappreżentanti ta' uliedha minuri Julia Pace**

**Emanuel Cilia f'ismu proprju u bħala mandatarju ta' Louis Cilia; u ta' Amanda Jane White; u Carol Anne Bradley; Mark Anthony Cilia; Joseph Charles Cilia; Martin Victor Cilia; Yvonne Maria Cilia; Jacqueline Merle**

**Edward Cilia**

**Anne Claire Anastasi f'isimha proprju u bħala mandatarja ta' ħuha l-assenti t-Tabib Dennis Azzopardi**

**Maria Amalthea sive Meme Azzopardi**

**Maria sive Marina Azzopardi**

**Joseph Azzopardi**

**Ġemma Azzopardi**

**Raymond Azzopardi**

**Francis Azzopardi**

**Bernard Azzopardi**

**Sister Rosita Azzopardi**

**Anna Debono**

**U b'digriet tas-27 ta' April 2021 ġew kjamati in kawża Mario Pace, Anthony Pace u Giovanna sive Jane Grech**

**U b'digriet tas-27 ta' Jannar 2021 l-Avv. Mark Mifsud Cutajar u l-P.L. Hilda Ellul Mercer ġew maħtura kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw l-eredità ġjaċenti tal-mejjet Emanuel Cilia u tal-assenti Louis Cilia u ta' Amanda Jane White u Carol Anne Bradley, Mark Anthony Cilia, Joseph Charles Cilia, Martin Victor Cilia, Yvonne Maria Cilia, u Jacqueline Merle**

**Daħla**

1. Skont l-artikolu 496 tal-Kap. 16, ħadd ma jista' jiġi mġiegħel jibqa' f'komunjoni, u għalhekk kull komproprjetarju għandu l-jedd li jitlob il-qasma tal-beni. Meta l-beni in komun jista' jiġi diviż bla xkiel u mingħajr ħsara, it-terminazzjoni tal-komunjoni għandha sseħħ permezz ta' qasma materjali. Fin-nuqqas, il-beni għandhom jiġu mibjugħa b'liċitazzjoni sabiex jinqasam il-prezz tagħhom.

2. Is-soċjetà rikorrenti fetħet din il-kawża għaliex ma tixtieqx tibqa' iżjed in komunjoni mal-intimati u qiegħda titlob lill-Qorti biex tirrikorri għar-rimedju tal-bejgħ b'liċitazzjoni minflok għall-qasma materjali.

**Rikors ġuramentat**

3. Hija ssejjes it-talbiet tagħha fuq dawn il-premessi:-

i. Illi r-rikorrenti hija proprjetarja ta' ftit aktar minn due terzi (2/3) indivizi tal-fond 66, Triq il-Kbira, San Giljan, precizament 70.4% tal-istess fond, liema proprjeta hija akkwistat permezz ta' erba' kuntratti fl-atti tan-Nutar Dottor Kristel-Elena Chircop tal-25 ta' Marzu 2019; 29 ta' Jannar 2020; 29 ta' Jannar 2020; u 29 ta' Jannar 2020, hawn annessi u mmarkati bhala "Dokument A"; "Dokument B; "Dokument C"; u "Dokument D" rispettivament.

ii. Illi l-intimati huma proprjetarji tar-rimanenti 29.6% tal-istess fond.

iii. Illi r-rikorrenti ma jridx jibqa' aktar in komun mal-intimati ghax hu u/jew l-antekawza minnhom ilhom in komun ghal aktar minn tletin sena.

iv. Illi l-fond in kwistjoni mhux komodament divizibbli u ghalhekk jinhtieg li jinbiegh b'licitazzjoni.

v. Illi a tenur tal-Artikolu 496 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, r-rikorrenti mhix tenuta li tibqa' in komun mal-intimati u fi kwalunkwe zmien jista' jitlob li ssir id-divizjoni u fin-nuqqas li l-fond huwa komodament divizibbli jista' jitlob l-licitazzjoni tal-istess fond.

4. Għal dawn ir-raġunijiet, is-soċjetà rikorrenti talbet lill-qorti sabiex:-

i. Tiddikjara u Tiddeciedi illi l-fond 66, Triq il-Kbira, San Giljan mhux komodament divizibbli bejn il-kontendenti fil-kwoti rispettivi taghhom, u dan okkorrendobin-nomina ta' Periti nominandi.

ii. Tordna li l-istess proprjeta` fuq indikata, appartenenti lill-kontendenti indivizament bejniethom, tinbiegh b'licitazzjoni.

iii. Tordna li r-rikavat mill-bejgh ta' l-istess proprjeta` dedotti l-ispejjez, jigi diviz bejn il-kontendenti skond il-kwoti rispettivi taghhom, kif hawn fuq indikat

iv. Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tas-7 ta' Frar 2020 kontra l-intimati li huma ngunti minn issa ghas-subizzjoni.[1]

**Risposti ġuramentati**

5. Fir-risposta ġuramentata tal-11 ta' Ġunju 2020, ta' Joseph Storace, Marie Soler, Geraldine Critien, Dr Denis Azzopardi, Marina Azzopardi, Anna Anastasi, Raymond Azzopardi, Sister Rosita Azzopardi, Joseph Azzopardi, Francis Azzopardi, Anna Debono u Bernard Azzopardi, dawn eċċepew:

i. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma intempestivi u saru inutilment ghaliex gja mis 7 ta' Gunju 2018 s-sidien konvenuti tas-sesta parti tal-propjeta kienu tkellmu mad direttur tas-socjeta attrici fejn gharfuh li huma kienu lesti li jbieghlu s-sehem taghhom fil-propjeta. Fis-7 ta' Frar 2020 s-socjeta rikorrenti pprezentat l-ittra ufficjali numru 451/2020 kontra l-konvenuti. L-esponenti gew notifikati b'din l-ittra fl-l4 ta' Frar 2020 u konvenuti ohra ghadhom mhux notifikati. B'risposta ghall-ittra ufficjali numru 451/2020 l-esponenti fl-24 ta' Frar 2020, gharfu lis-socjeta attrici li bhala s-sidien ta' kwart tal-

[1] Ara r-rikors ġuramentat tas-soċjetà rikorrenti tad-19 ta' Frar 2020, f'paġni 1-6.

propjeta kienu disposti li jbieghu dan is-sehem. Din-kawza giet prrezentata fid-19 ta' Frar 2020 u notifikata lill-esponenti fil 5 ta' Marzu 2020. Ghalhekk dawn il-proceduri fil-konfront tal-esponenti saru inutiment u ghaldaqstant hija s-socjeta attrici li ghandha tbghati l-ispejjez taghhom.

ii. Illi stante li l-fond mhux komodament divisibbli l-esponenti ma jopponux il-licitazzjoni mitluba, purche dina issir bl-ammissjoni wkoll ta' oblaturi estraneji.[2]

6. Fir-risposta ġuramentata tas-6 ta' Settembru 2021, tal-kuraturi deputati Dr. Mark A. Mifsud Cutajar u PL. Hilda Ellul Mercer għall-l-eredità ġjaċenti tal-mejjet Emanuel Cilia u tal-assenti Louis Cilia u ta' Amanda Jane White u Carol Anne Bradley, Mark Anthony Cilia, Joseph Charles Cilia, Martin Victor Cilia, Yvonne Maria Cilia, u Jacqueline Merle, dawn eċċepew:

i. Illi l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti u għalhekk qed jirriservaw id-dritt li jipprezentaw risposta motivata fkaz u jekk jigu edotti mill-fatti.

ii. Illi r-rikorrenti minkejja dan għandhom jipprovaw it-titolu tagħhom u tal-intimati l-oħra; Illi skont l-istess premessi hemm kontradizzjoni billi l-kwota tal-injoti mhix inkluza u l-quoti premessi mhux ser jirrizultaw. [3]

7. Il-komplament tal-konvenuti ma ppreżentaw l-ebda risposta.

## Prova tat-titolu

*It-titolu ta' 70.4% fil-Fond*

8. Meta ġie ppreżentat ir-rikors ġuramentat promotur, is-soċjetà rikorrenti qalet li kienet il-propjetarja tas-sehem ta' 70.4% fil-fond numru 66, Triq il-Kbira, San Ġiljan (il-'Fond'). Hija ressqet prova tat-titolu tagħha – li ħadet il-forma tas-segwenti atti tal-bejgħ ippubblikati min-Nutar Dottor Kristen-Elena Chircop;

   a. Il-kuntratt datat il-25 ta' Marzu 2019 (kopja ċċertifikata tiegħu esibita f'paġni 7-23) fejn is-soċjetà rikorrenti akkwistat is-sehem ta' 3/8 fil-Fond;

   b. Il-kuntratt datat id-29 ta' April 2019 (kopja ċċertifikata tiegħu esibita f'paġni 24-33), fejn is-soċjetà rikorrenti akkwistat is-sehem ta' 1/1944 fil-Fond;

   c. Il-kuntratt datat id-29 ta' April 2019 (kopja ċċertifikata tiegħu esibita f'paġni 34-52), fejn is-soċjetà rikorrenti akkwistat is-sehem ta' 85/2268 fil-Fond;

[2] Ara r-risposta ġuramentata tal-intimati Joseph Storace, Marie Soler, Geraldine Critien, Dr Denis Azzopardi, Marina Azzopardi, Anna Anastasi, Raymond Azzopardi, Sister Rosita Azzopardi, Joseph Azzopardi, Francis Azzopardi, Anna Debono u Bernard Azzopardi tal-11 ta' Ġunju 2020, f'paġni 69-70.
[3] Ara r-risposta ġuramentata tal-kuraturi deputati l-Avukat Dr Mark A Mifsud Cutajar u P.L. Hilda Ellul Mercer għall-persuni njoti, f'paġna 168.

d. Il-kuntratt datat id-29 ta’ Jannar 2020 (kopja ċċertifikata tiegħu esibita f’paġni 53-67), fejn is-soċjetà rikorrenti akkwistat is-sehem ta’ 7/24 fil-Fond.

9. Dawn jammontaw għas-sehem iċċitat mis-soċjetà rikorrenti. Minn dan jirriżulta li m’hijiex ġustifikata l-eċċezzjoni tal-kuraturi deputati fejn dawn sostnew li l-kwota premessa mir-rikorrenti ma tirriżultax mill-atti.

*It-titolu fuq ishma ulterjuri*

10. Fil-mori tal-kawża, is-soċjetà rikorrenti informat lill-qorti li akkwistat ishma ulterjuri fil-Fond.[4] Infatti hija tgħid li akkwistat l-ishma tal-konvenuti kollha għajr tal-konvenuti assenti jew li m’humiex magħrufa. Hija tgħid li b’dawn l-akkwisti hija issa għandha s-sehem ta’ 99.2% fil-Fond.

11. Għalkemm is-soċjetà rikorrenti ssemmi li dan sar b’kuntratt tal-bejgħ ippubblikat fl-14 ta’ Ġunju 2021, hija ma ppreżentatx kopja tiegħu. Infatti hija m’esebiet l-ebda prova tat-titolu rigwardanti l-ishma ulterjuri li tgħid li akkwistat fil-mori tal-kawża.

12. Madanakollu dan m’huwiex ta’ detriment għaliha għall-finijiet ta’ din il-kawża. Dan għaliex id-dritt tagħha li tipproponi din l-azzjoni jissussisti indipendentement mill-għadd ta’ ishma li hija għandha fil-beni tal-komun. Infatti għall-kuntrarju tar-rimedju previst fl-artikolu 495A tal-Kap. 16, li jirrikjedi prova mir-rikorrent li huwa għandu l-akbar għadd ta’ ishma, l-artikolu 496 tal-Kap. 16 jista’ jiġi invokat minn kwalsiasi komproprjetarju – ikun x’ikun is-sehem tiegħu.

13. B’hekk sabiex teżerċita r-rimedju taħt l-artikolu 496 tal-Kap. 16, is-soċjetà rikorrenti hija meħtieġa li tipprova biss li għandha sehem fil-beni in komun u li hija għalhekk komproprjetarja. Fid-dawl tal-provi mressqa mis-soċjetà rikorrenti u li ġew hawn fuq imsemmija, il-qorti hija sodisfatta li s-soċjetà rikorrenti hija komproprjetarja tal-Fond, u għandha għalhekk il-jedd li tinvoka l-artikolu 496 tal-Kap. 16.

[4] Ara l-verbal tat-8 ta’ Frar 2023, f’paġna 173.

14. Għalkemm meta tkun sejra tordna l-qasma tal-beni *in natura* jew meta tkun ġiet mitluba biex tiddikjara t-titolu tal-partijiet fil-beni, il-qorti tkun meħtieġa li tiddetermina l-ishma preċiżi tal-partijiet fil-beni in komun, dan m'huwiex daqstant meħtieġ fil-każ preżenti, fejn il-qorti tkun qiegħda tordna l-bejgħ b'liċitazzjoni tal-proprjetà. Dan għaliex din id-determinazzjoni għandha sseħħ fi stadju ulterjuri, hekk kif il-partijiet jiġu biex jiżbankaw sehemhom mir-rikavat.

*Konklużjoni*

15. Għalhekk, filwaqt li l-Qorti tinsab sodisfatta li s-soċjetà rikorrenti hija tassew komproprjetarja tal-Fond u b'hekk għandha l-jedd li tinvoka l-artikolu 496 tal-Kap. 16, hija ser tastjeni milli tiddetermina s-sehem preċiż tas-soċjetà rikorrenti.

**Jekk il-proprjetà hijiex komodament diviżibbli**

*Prinċipji legali*

16. Huwa magħruf li r-rimedju tal-bejgħ b'liċitazzjoni huwa rimedju straordinarju u jista' jingħata biss fuq bażi eċċezzjonali, meta l-qasma tal-beni in natura ma tkunx tista' ssir skont l-artikolu 515 tal-Kap. 16.[5] Skont l-artikolu 515 tal-Kap. 16, il-beni in komun jista' jinbiegħ b'liċitazzjoni biss meta "l-beni in komun ma jistgħux jiġu maqsuma bla xkiel u bla ħsara, u ma tistax issir tpattija b'beni oħra in komun ta' xorta differenti", jew jekk "ikun hemm xi beni illi ebda waħda mill-partijiet li jkunu qegħdin jaqsmu ma tkun tista' jew trid tieħu."

17. Il-kliem "bla xkiel" ġew interpretati mill-qrati li jfissru "mingħajr ma ssir ħsara lill-interessi ta' dawk li qegħdin jaqsmu", mentri li l-kliem "bla ħsara" ġew interpretati li jfissru "mingħajr ma jkun hemm tnaqqis fil-valur tal-ġid bil-qasma tiegħu."[6] L-applikazzjoni tat-tali kriterji f'dan ir-rigward hija waħda ta' fatt;[7] u għalhekk tirriduċi ruħha f'determinazzjoni jekk il-qasma materjali hijiex possibbli fid-dawl tan-natura u tal-bixra tal-proprjetà kif ukoll tal-limiti l-oħra hawn fuq imfissra.

---

[5] *Baldacchino et vs Baldacchino*, Qorti tal-Appell, deċiża 5 ta' Marzu 1954, Kollez XXXVIII.105; *Fleri et vs Portelli*, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, deċiża 2 ta' Marzu 1959, Kollez XI.III.ii.657; *Rita Grech et vs Ġużeppi Zammit et*, Qorti tal-Appell, deċiża 15 ta' Lulju 1969.
[6] *Anthony Abela pro et vs Joseph Abela et*, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, deċiża 27 ta' Jannar 2003.
[7] *Vella vs Sciberras*, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, deċiża 6 ta' Marzu 1948, Kollez Vol XXXIII.ii.217; *Azzopardi vs Zammit*, Qorti tal-Appell, deċiża 16 ta' Novembru 1962, Kollez Vol XLVI.i.355.

*Rapport peritali*

18. Fid-dawl ta' dan, fl-1 ta' Diċembru 2021,[8] il-qorti ħatret lill-Perit Marie Louise Caruana Galea sabiex tagħti l-opinjoni teknika tagħha dwar (a) jekk il-Fond huwiex komodament diviżibbli; u dwar (b) il-valur tal-Fond.

19. Wara li nżamm aċċess fil-Fond fid-9 ta' Frar 2022, il-Perit Caruana Galea ppreżentat il-konstazzjonijiet tagħha fuq dak li ġie mitlub – u dan fil-forma tar-rapport peritali datat id-9 ta' Awwissu 2022, esibit f'paġni 175-191, li ġie ppreżentat fl-20 ta' Settembru 2022, u kkonfermat bil-ġurament tal-istess perit fil-11 ta' April 2023. Fir-rapport peritali ngħatat deskrizzjoni dettaljata tal-Fond, inkluż il-kejl u d-daqs tiegħu, il-lokazzjoni tiegħu, il-mod kif inhu mqassam u l-mod kif ġie mibni, l-istat ta' manutenzjoni u riparazzjoni tiegħu, kif ukoll il-finituri u s-servizzi misjuba fih. Ġew ikkunsidrati l-liġijiet tal-ippjanar biex jiġi ddeterminat il-potenzjal tal-Fond għall-iżvilupp.

20. Fid-dawl ta' dan kollu, il-perit tekniku kkonkludiet li;

    a. Il-Fond m'huwiex komodament diviżibbli bejn il-partijiet;

    b. Fl-14 ta' Ġunju 2021, il-valur tal-Fond fis-suq kien ta' €700,000 – liem valutazzjoni ġiet imsejsa fuq il-metodoloġija xjentifika u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kamra tal-Periti rigward il-valutazzjoni tal-proprjetà, hekk kif ġew delineati fil-pubblikazzjoni tal-Kamra tal-Periti datata 2012, imsemmija '*Valuation Standards for Accredited Valuers*'.

21. Tajjeb li jiġi nnotat li ma saru l-ebda domandi in eskussjoni mill-partijiet. Lanqas ma saret xi kontestazzjoni mill-partijiet rigward il-konklużjonijiet tal-perit tekniku.

*Analiżi tal-Qorti*

22. Għalkemm skont l-artikolu 681 tal-Kap 12, il-qorti mhix marbuta li taċċetta l-konklużjonijiet tar-rapporti tal-periti kontra l-konvinzjoni tagħha nnifisha, ġie wkoll ritenut b'mod kostanti li sabiex il-qorti tiddipartixxi mill-konklużjonijiet peritali, jeħtieġ li jkun

[8] Ara l-verbal tal-1 ta' Diċembru 2021 f'paġna 169.

hemm raġunijiet gravi u impellenti li jwasslu lill-qorti tikkonkludi li l-konklużjonijiet peritali huma irraġonevoli u totalment żbaljati.[9]

23. Eżaminati l-atti kollha tal-kawża, il-qorti hija tal-fehma li l-opinjonijiet u konklużjonijiet tal-Perit Caruana Galea ma jistgħux jitqiesu bħala irraġonevoli, u għalhekk sejra tadottahom. Konsegwentement ġaladarba min-natura u l-bixra tal-proprjetà, il-Fond m'huwiex komodament diviżibbli, il-qorti ser tkun qiegħda tordna li jinbiegħ b'liċitazzjoni, u dana skont l-artikolu 515 tal-Kap. 16.

24. Fuq it-talba tal-intimati kif ukoll fid-dawl tal-artikolu 517 tal-Kap. 16, il-qorti ser tordna li fil-bejgħ b'liċitazzjoni jkunu jistgħu jipparteċipaw oblaturi estranei, u ser tawtorizza lill-partijiet biex jagħmlu avviżi fil-ġurnali u fuq il-mezzi soċjali, bid-dritt li dawn jirkupraw mir-rikavat sa massimu ta' €100 kull komproprjetarju.

25. Għall-bejgħ b'liċitazzjoni għandhom jiġu osservati l-artikolu 313 et seq tal-Kap. 12. L-ispejjeż tal-kawża, inkluż l-ispejjeż għall-kariga tal-perit tekniku, għandhom jitħallsu mill-partijiet skont is-sehem rispettiv tiegħu jew tagħha.

**Parti deċiżiva**

26. Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti qiegħda:-

a. Tiddikjara li l-fond 66, Triq il-Kbira, San Ġiljan m'huwiex komodament diviżibbli bejn il-kontendenti;

b. Tordna li l-fond 66, Triq il-Kbira, San Ġiljan, jinbiegħ b'liċitazzjoni, in ottemporanza mar-regoli stabbiliti fl-artikolu 313 et seq tal-Kap 12, u tordna li; (i) jiġu ammessi oblaturi estranei; (ii) is-soċjetà attriċi u l-komproprjetarji l-oħra tal-Fond jkunu awtorizzati li jġibu avviżi dwar il-bejgħ b'liċitazzjoni fuq il-medja soċjali u fil-ġurnali, bid-dritt li kull komproprjetarju jirkupra mir-rikavat sa massimu ta' mitt ewro (€100) għal dan l-iskop qabel ma ssir id-diviżjoni tar-rikavat;

c. Tordna li r-rikavat tal-bejgħ b'liċitazzjoni jiġi diviż bejn il-komproprjetarji skont is-sehem rispettiv tagħhom wara li (a) jitnaqqsu l-ispejjeż tal-kawża nkluż dawk għall-ħatra tal-perit tekniku f'din il-kawża, kif ukoll kwalunkwe taxxi dovuti ifuq it-

[9] *Richard Falzon vs Construct Furniture Ltd*, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, deċiża 7 ta' Diċembru 2006.

trasferiment tal-proprjetà u l-ispejjeż tal-avviżi skont dak imfisser aktar ‘l fuq; (b) jiġi nnotifikat il-Kummissarju tat-Taxxi a karigu tar-Reġistratur tal-Qorti; u (ċ) kull parti tressaq talba għall-iżbank tas-sehem rispettiv tagħha bi prova suffiċjenti tat-titolu tagħha.

Bl-ispejjeż jitħallsu minn kull parti skont is-sehem rispettiv tiegħu jew tagħha fil-Fond.

Henri Mizzi
Imħallef

Tristan Duca
Deputat Reġistratur